**Oriġinalità**

Kulħadd jgħajjat biha
Donnha tirfes kallet kulħadd,
Min irid kollox kif jaqbillu
Min ħallieh jidres w ma jaħfirha lil ħadd.

L-oriġinalità, kelma hi
Min jgħidha b'qalbu min jitqanżaha,
Min jgħabbiha tilja liġi
U min tih minn kollox ineżżaha.

L-oriġinalità, kelma li tbeżża'
Lil min kollox f'idejh irid,
Hi l-kelma li tfarraġ bil-bosta
Lil min spallejh misluħa bis-salib.

L-oriġinalità, jaħasra hi talba
Li toħroġ mill-qalb misħuqa,
Taf tikber fl-isbaħ għanja
Taf tissieħeb 'l min bid-daqquqa.

L-oriġinalità, araha f'dil-poeżija
Li mlaħalha issemmiex,
Biex żgur ma tagħmikx ħija
Hi maħlula, mingħajr tlellilix.

Għax l-oriġinalità hi waħda
Dak li hemm jgħix fis-sema,
Li hu mlebleb li jiġi fl-art
Ħa jifdina mis-simna li ilha tinħema.

L-oriġinalità, Alla Missierna
Fih kulħadd ħieles li jgħix ħajtu,
Ma' ħaddieħor mingħajr wisq irbit
Iweġibkom meta lilu tgħajtu.

Originalità, il-passaport smewwi
Li se jieħdok dritt il-ġenna,
Għax permezz tagħha titgħallem
Kif tħobb fil-ħlewwa u d-dnewwa.

Hi l-bint mill-aktar magħżula
Ta' Alla, Ruħ il-Qdusija,
Hi biss tassew li tiftaħna
Għall-imħabba u t-tjubija.

Għall-erwieħ spiċċajna l-għanja
B'ftit metrika, serenità,

Ħsibijiet ċkejkna b'tant ħajja
Ħlewwa, orġinalità.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.